# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 22

Data tal-laqgħa: 23 ta' Ġunju, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2025 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci (SKUŻATA)<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fis-6:30p.m. billi ntqalet it-talba.

Is-Sindku espremiet kif hi xtaqet li din il-laqgħa tibda bill issir minuta ta' silenzju għal Familja Borg bit-telfa traġika tat-tifel tagħhom, Zayden Borg.

Il-Kunsilliera kollha preżenti flimkien mad-DSE għamlu minuta ta' silenzju.

## 22/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**22/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-is-Sa Helen Gauci sabiex tinforma li ma setatx tkun preżenti minħabba impenji oħra.

**22/01/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-ittra.

## 22/02 SPI/SCI/06/2025 – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

**22/02/01** Is-Sindku, is-Sa Meli, infurmat lill-Kunsilliera kif din il-laqgħa kienet ġiet imsejħa b'urġenza sabiex din l-iskema tiġi ffinalizzata u approvata.

**22/02/02** Is-Sa Meli spjegat kif l-għan ewlieni kien li bħala Kunsill tiġi mressqa talba sabiex it-Torri Semaphore jiġi rrestawrat iżda minħabba li dan kien qed jiġi okkupata minn terzi persuni u ma

kienx qed isir l-ebda manutenzjoni mill-Gvern Ċentrali, ġie innutat li dan ma kienx eleġibbli għal din l-iskema. Madanakollu hi spjegat kif il-Perit tal-Kunsill kien leħaq ipprepara d-dokumenti neċessarji u dan ser isir il-ħlas relatat miegħu pero jkun lest sabiex dawn id-dokumenti jintużaw meta tinħareġ skema oħra , bħal tal-LESA, fejn il-Kunsill ikun jistà jibbenefika minn dan ir-restawr.

**22/02/03** Is-Sa Meli qalet kif fid-dawl li kienu għadhom kif ġew irrestawrati l-*Victoria Lines* matul dawn l-aħħar snin, hi spjegat kif żewġ spazzji miftuħa jgħamlu dawn iż-żewġ postijiet elegibbli. Hi qalet ukoll kif kien hemm diversi diskussjonijiet fejn il-Kunsill esprima l-ħtieġa li jkun hemm CCTV cameras bil-panelli solari, dawn flimkien ma' manutenzjoni oħra li hemm bżonn f'dawn iż-żoni pubbliċi jistgħu japplikaw taħt din l-iskema finanzjarja.

**22/02/04** Għaldaqstant hi talbet sabiex il-Kunsill jgħati l-approvazzjoni sabiex issir din il-manutenzjoni kif ukoll ikun hemm installazzjoni tas-CCTV Cameras bil-panelli solari.

**22/02/05** Il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, żiedet tgħid ukoll li fl-applikazzjoni hemm ukoll li jkun hemm bozzoz fuq arbli li jaħdmu bis-sistema solar, cigarette bins, bankiejiet ġodda u struttura żg ħira ta' librerija miftuħa.

**22/02/06** Il-Kunsilliera, is-Sa Marilena Hassan, staqsiet x'kien il-massimu li l-Kunsill jistà jibbenefika minn din l-iskema.

**22/02/07** Is-Sa Meli spjegat li l-fondi allokati huma ta' €20,000 fejn 85% minnhom huma ffinazjati minn din l-iskema filwaqt li l-15% l-oħra jridu jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill. Hi qalet kif billi r-rapporti finanzjarji tas-sena 2024 mhumiex magħluqa minħabba li qed jiġu vverifikati l-pagamenti li saru, id-dikjarazzjoni mhux ser tkun qed tiġi mressqa f'din l-iskema pero hi qalet kif r-rapporti għandhom ikunu lesti sakemm din l-iskema tiġi mgħotija l-approvazzjoni.

**22/02/08** Is-Sa Meli qalet ukoll kif kopja ta' l-applikazzjoni kienet ġiet iċċirkulata lill-Kunsilliera kollha qabel ma nżammet din il-laqgħa u għal din ir-raġuni staqsiet jekk kienx hemm domandi ta' kjarifika qabel ma din tiġi mressqa għall-approvazzjoni.

**22/02/09** Peress li ma kienx hemm domandi jew suġġerimenti, il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-applikazzjoni b'mod unanimu.

## 22/03 Tmiem tal-laqgħa

**22/03/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:37p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u s-Sindku fakkret li l-laqgħa li jmiss hija skedata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| **Mariah Meli** | **Jeanette Galea** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |